MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2006

Numru 691/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Borg**
v

**MARTIN CACHIA**
**MATTHEW ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **MARTIN CACHIA** ta' tlieta w erbghin sena bin Michael u Josephine nee Aquilina imwieled Pieta` nhar id-disgha u ghoxrin ta’ Marzu, 1959 u residenti 'Casa Martina', 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita` numru 235859M u **MATTHEW ZAHRA** ta’ sbatax il-sena bin Vincent u Veronica nee Ayling, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Frar 1985 u joqghod 41B, Triq Marsamxett, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 169685M gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. Fit-tnax ta’ Awissu 2002, u fiz-zminijiet precedenti f’Bugibba u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew immanifatturaw jew xjentement, ghamlu uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar x-xorta tal-merkanzija jew biegh tali merkanzija jew xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghal bejgh jew impurtaw ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe mitejn sebgha w disghin CD’s, disgha flokkijiet bil-marka Mc Claren, disgha w tletin DVD’s u hames music cassettes allegatament foloz;

2. Talli bi qliegh, jew ghal skop ta' kummerc, stampaw, mmanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

3. Talli bi qliegh jew tqassim, jew ghal wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghal pubbliku, mmanifatturaw, stampaw, jew xort’ohra, ghamlu, dahhlu Malta jew akkwistaw, zammew, iccirkolaw, esportaw, innegozjaw jew qassmu xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn li hawn fuq, kemm jekk le;

4. Talli bi qliegh, jew ghal skop ta' kummerc, stampaw, mmanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw jew bieghu jew qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu minn xi post jew minn gewwa post li huwa kopert b’licenzja jew bhala parti minn attivita koperat ab’tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet

tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

**Lil Martin Cachia wahdu:**

5. Talli naqas li javza lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li qed ihaddem mieghu lil Matthew Zahra bhala *hawker* fuq l-*istall* ta' Islet Promenade f'Bugibba;

6. Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien giet kkundanat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati wiehed u ghoxrin ta' Ottuberu 1996, sitta ta' Jannar 1998, wiehed u tletin ta' Gunju 2001 u sittax ta' Ottubru 2001.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfligi l-pieni stabbiliti skond l-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti u tirrevoka l-licenzja ta' *fixed hawker* mahruga f'isem Martin Cachia.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Settembru 2002 esebit fl-atti a fol 18 w immarkat dokument HD 1 sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputati ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax ta' Settembru 2002, kif jirrizulta a fol 19 et seq tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq

biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-stess imputati, l-Qorti hija sodisfatta li z-zewg imputati huma hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil prosekuzzjoni tirrileva fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006 li mid-data li nhargu l-akkuzi lil hawn, hi ghamlet diversi spezzjonijiet fl-istalls tal-imputat u ma sabet ebda irregolarita ohra.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara wkoll li taqbel li l-multa li ghandha tinghata f'dan il-kaz ghandha tkun fil-minimu taghha.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati kif esibiti a fol 4 et seq tal-atti.

**Ghalhekk, fil-dawl tas-suespost, l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f), 298B, 208(1)(2), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali numru 120 tas-sena 1992 u l-artikolu 3(a) tal-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993, tiddikjara li issib lill-imputati MARTIN CACHIA u MATTHEW ZAHRA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess, u tiddeciedi li <u>tikkundanna lil imputat Martin Cachia ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitt [100] lira maltin</u> u <u>lil imputat Matthew Zahra ghal hlas ta' multa komplessiva ta' hamsin [50] lira maltin</u>.**

**Il-Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-perit tekniku nominat minnha, Martin Bajada fl-ammont ta' mitejn tlieta w tmenin lira u hamsa w ghoxrin centezmu [LM283.25] lid-Direttur tal-Qorti fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellati.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan l-ghan.**

**Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-konfiska tal-oggetti kollha li gew esibiti fl-atti u tordna d-distruzzjoni taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------